



C/2024/4848

12.8.2024

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Riigikohus (l-Estonja) fis-6 ta' Ġunju 2024 – A vs B

(Kawża C-398/24, Pome ⁽¹⁾)

(C/2024/4848)

Lingwa tal-kawża: l-Estonjan

Qorti tar-rinviju

Riigikohus

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: A

Konvenut: B

Domanda preliminari

Iċ-ċirkustanza li l-validità ta' ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni tkun suġġetta għall-kundizzjoni li l-persuni fiżiċi li kkonkludewh jaġixxu fil-kuntest ta' attività ekonomika u professjonali, kif jipprevedi l-punt 1 tal-Artikolu 106(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Estonjan, li jipprovdi li ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni konkluż bejn żewġ persuni fiżiċi jkun invalidu, meta dan jkser l-Artikolu 104(1) tal-istess kodiċi, li min-naħa tiegħu jstabbilixxi li tilwima bejn persuni fiżiċi mressqa quddiem qorti abbażi ta' tali ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni għandha tkun marbuta mal-attività ekonomika jew professjonali taż-żewġ partijiet, hija kwistjoni ta' validità sostantiva ta' ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni fis-sens tal-aħħar parti tal-ewwel frażi tal-Artikolu 25(1) ("sakemm il-ftehim ma jkunx null u bla effett legali fil-validità sostantiva tiegħu skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru") tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali ⁽²⁾?

⁽¹⁾ L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

⁽²⁾ ĠU 2012, L 351, p. 1.